MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 239/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Tonna)**
**Vs**
**Francis Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli

1. nhar il-15 ta' Novembru, 2000 ghall-habta ta' l-10.45hrs gewwa Triq ir- Repubblika u Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent 1218 Raymond Vella f' periklu car, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAE881 tal-ghamla Fiat 126, fid- direzzjoni ta' l-istess surgent, liema tentattiv ta' ferita gravi ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan ai termini ta' l-artikoli 214, 216(1)(b) u 41(a) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi b’ diversi atti maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` kontra l-Ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Sandro Gatt, l-Ispettur Neville Aquilina, is-Surgent 1218 Raymond Vella u l- kuntistabbli 89 Joseph Debrincat gewwa Triq ir-Republika, Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta w gewwa l-ghassa ta-Pulizija ta’ Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-ligi w dan ai terminu tal-artikolu 18 u 96(a) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. fl-istess data, hin u cirkostanzi, ngurja jew hedded persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Sandro Gatt, l-Ispettur Neville Aquilina, is-Surgent 1218 Raymond Vella u l-kuntistabbli 89 Joseph Debrincat u dan ai termini ta’ l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. fl-istess data, hin u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilhu mill-Ispettur Abraham Zammit, u s-Surgent 1218 Raymond Vella w ohrajn waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom u dan ai termini ta’ l-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon odni jew il-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan ai termini 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament qal kliem oxxen u espressonijiet ta’ dagha w dan ai termini tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament saq vettura bin-numru tar- registrazzjoni CAE 881 tal-ghamla

Fiat 126 b' manjiera traskurata w perikoluza w dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. nhar il-15 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tas-19.20hrs, gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta, volontajament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-danni tal-Gvern ta' Malta w dan ai terminu tal- artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta, ghall-habta tas-19.20hrs, volontarjament ta n-nar jew b' xi mod iehor qabbad bini jew lok iehor ai termini ta' l-artikolu 316, 317 u 318 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta, ghall-habta tas-19.20hrs, attakka jew irrezista bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w cioe kontra s-Surgent 1387 Vincent Arnaud, il-Kuntistabbli 594 Robert Saliba w il-Kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi w dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

11. fl-istess data, hin u cirkostanzi, ngurja jew hedded persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta' s-Surgent 1387 Vincent Arnaud, il-Kuntistabbli 594 Robert Saliba w il-Kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani w dan ai termini ta' l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. fl-istess data w cirkostanzi ghall-habta tas-19:30hrs, harab minn post ta' kustodja w cioe` minn gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta bi vjolenza fuq il-persuna tas-Surgent 1387 Vincent Arnaud u kif ukoll bi ksur tal-post tal- kustodja w dan ai termini tal-artikolu 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. fl-istess data, u cirkostanzi ghall-habta tas-19:30hrs, naqas li jobdi l- ordnijiet legittimi mghotija lilhu mis-surgent 1387 Vincent Arnaud, mill-Kuntistabbli 594 Robert Saliba w il-Kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan ai termini ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. fl-istess data, fil-hinijiet ta' l-10:45hrs u fis-19:20hrs, gewwa l-Belt Valletta w cioe` fi pjazza San Gorg u gewwa l-ghassa tal-Pulizija fi Triq Nofs in- Nhar, bi vjolenza, jew b' theddid gieghel ufficjali pubblici jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga taghhom u dan ai terminu tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. nhar is-17 ta' Novembru, 2000 ghall-habta ta' l-22:00hrs, gewwa l-Isptar San Luqa f' tal-Pieta` gewwa s-sala mgharufa bhala 'burns unit' hebb attakka, jew irrezista bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w cioe` kontra l-Kuntistabbli 594 Robert Saliba filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi w dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. fl-istess data, hin u cirkostanzi w cioe` tas-17 ta' Novembru, 2000 ingurja jew hedded lil PC 594 Robert Saliba, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmel jew minhabba li kienu qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai termini ta' l-artikolu 95 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

17. fit-18 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-17:15hrs f' dawn il-gzejjer ghamel uzu minn xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghall-xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li

nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' l-infrastruttura tat- telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnhu mhux sew u dan bi ksur tal-artikolu 35(1)(d) tal-Att tal-1997 li Jirregola it-Telekomunikazzjoni.

18. nhar it-18 ta' Novembru, 2000, ghall-habta tal-17:15hrs, ingurja jew hedded persuni ta' whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w cioe` lill-Ispettur Mario Tonna, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. nhar il-21, 22 u 25 ta' Novembru, 2000 f' hinijiet differenti gewwa l-Isptar San Luqa f' Gwardamangia, halef fil-falz quddiem l-ufficjal li ghandu s- setgha li jaghti l-gurament u cioe` quddiem l-Avukat Dr. Vincent Galea LL.D., persuna mahtur waqt inkjesta Magisterjali w dan ai terminu tal- artikolu 108(1)(a) u 109(1)(2).

20. fil-granet, hinijiet u postijiet imsemmija holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu jiswew ta' prova kontra persuni ohra, u cioe` kontra l-ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Neville Aquilina, l-Ispettur Sandro Gatt, is-Surgent 1387 Vincent Arnaud u l-kuntistabbli l-ohra msemmija hawn fuq bil-hsieb li b' hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat billi iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan ai termini tal-artikolu 110(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 41(1)(a), 49, 91, 95, 96, 108, 109, 110(2), 152, 214, 216, 316(b), 317, 318, 325(1)(c),

338(bb), 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, kif ukoll l-artikoli 34(d) u 35(1)(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati tal-hmistax l-imputazzjoni, s-sittax il-imputazzjoni w l-ewwel parti ta’ l-ghoxrin l-imputazzjoni inkwantu tirreferi ghar-reat ipotizzat taht l-artikolu 110(1) u lliberatu minnhom, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba’, l-hames, is-sitt, is-seba’, it-tmien imputazzjoni in kwantu gew kawzati hsarat f’ammont li ma eccediex il-€116.47, id-disa’, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, is-sbatax, it-tmintax, id-dsatax, it-tieni parti ta’ l-ghoxrin il-imputazzjoni w cioe’ dik taz-zewg forom ta’ simultazzjoni ta’ reat kontemplati fl-artikolu 110(2) u li huwa recediv ai termini ta’ l-artikolu 49 u ta’ dawn l-imputazzjonijiet ikkundannatu prigunerija ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin u ghal multa ta’ tlett mitt Euro (€ 300) ai termini ta’ l-artikolu 35(1)(b) tal-Kap. 339, u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 109, ordnat l-interdizzjoni generali ta’ l-appellant ghal perjodu ta’ ghaxar snin. Inoltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin, u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9, l-appellant gie ordnat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €1698.65, rapprezentanti l-ispejjez ta’ l-esperti nominati fl-atti ta’ l-inkjesta; liema ammont kellu jithallas fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn gie lliberat mill-akkuzi 15 u 16, filwaqt li tilliberah minn dawk l-akkuzi kollha fejn instab hati w, fin-nuqqas, li l-appellant jinghata sentenza aktar gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb

tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi. L-appellant kien *manhandled* u kwistjoni li setghet twassal ghal massimu ta' citazzjoni ghall-*parking*, eskalat ghall-incident fejn l-appellant gie msawwat, ic-cella tieghu kienet mahruqa w kellu jahrab mill-kustodja tal-Pulizija sabiex jipprotegi lilu nnifsu. Veru li fil-bidu kien hemm *scuffle* bejnu w bejn il-Pulizija, izda l-Pulizija eccedew fil-forza mehtiega sabiex hu gie arrestat. L-ghajjat kien dovut minnhabba dan l-eccess. Il-Qorti kellha tidhol aktar fil-fond tal-provi specjalment meta l-appellant kien qed jaghmel akkuzi serji fil-konfront tal-Pulizija. Ma hemmx xhieda okulari indipendenti li jistghu jixhdu dwar (x'gara) ezattament. Ma setax jahraq ic-cella hu jekk hadulu l-*lighters* u ma kellux suffarini. Kien bil-fors li xi hadd barra c-cella ta n-nar. F' din l-esperjenza bil-fors lil-appellant jipprova jahrab. Ma rrizultatx l-intenzjoni li jikkaguna feriti ta' natura gravi, semplicement ghax dawwar l-*steering wheel*. Lanqas hemm provi biex l-appellant jinstab hati tad-dsatax l-imputazzjoini fejn gie akkuzat li halef il-falz. Lanqas ma seta' jinstab hati li haraq l-ghassa ghaliex ma hemmx provi. Finalment il-piena ma hix ekwa u gusta meta wiehed iqis li l-kaz sehh tmin snin ilu w ma kienx hemm bzonn li jdum daqshekk. Barra minn hekk hemm hafna akkuzi ripetuti fuq incident li essenzjalment hu wiehed.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji kollha tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha  setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi.

“Illi appropositu ta’ dan , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“Assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fil-kawza fl-ismijiet : **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”**, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) inghad illi :-

*“…. l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti w f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament*."

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t’appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process. Mill-assjem tal-provi jirrizulta b' mod skjaccanti li l-incident li ta lok ghal din il-prosekuzzjoni beda' meta l-appellant, fil-15 ta' Novembru, 2000, ghall-habta tal-10.45am, kien ittanta jipparkja fil-pjazza ta' quddiem il-Palazz il-Belt, Valletta. Meta s-Surgent 1218 Raymond Vella, li kien fuq il-post, ordnalu biex ma jipparkjax hemm, l-appellant saq il-car tieghu b' velocita' fid-direzzjoni tal-istess Surgent, li kellu jintefa' fil-gemb biex ma jintlaqatx. Xi membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu wkoll fuq il-post u senjatament l-Ispettur Abram Zammit u s-Supratendenti (dak iz-zmien Spetturi) Sandro Gatt u Neville Aquilina u PC 89 Joseph Debrincat marru hdejn is-Surgent Vella w ippruvaw jarrestaw lill-appellant izda dan irrezista l-arrest u ma obdiex l-ordnijiet lilu moghtija w il-Pulizija kellhom juzaw il-forza biex johduh l-ghassa tal-Belt go vettura fost ghajjat u dagha tal-appellant. Kellha wkoll tintuza certa forza biex hu jiddahhal fic-cella ghax baqa' jirrezisti l-arrest tieghu. Minn goc-cella l-appellant beda jghajjat u jitlob li jinghatawlu xi pilloli w sigarretti.

Wara xi hin l-appellant gie interrogat mill-Ispettur Mario Tonna w mieghu allega li kien gie msawwat mill-Pulizija. L-Ispettur ghalhekk baghat ghat-tabib li ezamina lill-appellant u dan iccertifika li l-appellant ma kellu ebda sinjali ta' swat (Dok. MT3 a fols. 14 u 104 tal-process). Wara l-Ispettur Tonna kompla jiehu l-istqarrija tal-appellant, li mbaghad inzamm fic-cella biex ikun jista' jitressaq il-Qorti. Pero' f' xi hin hu ttiehed id-Detox Centre hdejn l-Isptar ghad-doza tal-metadone, ghax kien sarlu l-hin ghal din id-doza. L-appellant umbaghad ingab lura w baqa' jghajjat ghas-sigarretti w ghall-pilloli w jitkellem hazin, kif xehdu PS 1387 Vince Arnaud, PC 904 Emmanuel Pisani w PC 594 Robert Saliba.

Wara xi hin, l-appellant beda jghajjat: *"Ajma"* w ghall-ghajjut u meta l-Pulizija marru jaraw x' kien gara, sabu li kien hemm nar jaqbad fic-cella. Hu inhareg mic-cella w kellu hruq fuq diversi partijiet ta' gismu. Meta l-appellant inhareg fir-*reception area* tal-ghassa, rega' beda jiggieled

mal-Pulizija w, wara li tefa' apparat telefoniku fid-direzzjoni tas-Surgent Arnaud, hareg jigri mill-ghassa w harbilhom. Il-Pulizija grew warajh u apprendewh ftit 'l isfel mill-ghassa fejn rega' rrezista l-arrest pero' irmexxilhom jiehduh lura l-ghassa. Hemm l-appellant intefa' mal-art, beda jaghti bis-sieq, tefa' *ash tray* li laqat lis-Surgent Arnaud f' wiccu w ghalhekk rega' ddahhal f' cella ohra minkejja r-rezistenza tieghu sakemm tasal l-ambulanza. Go din ic-cella qala' s-serpentina tas-*"sink".* Meta waslet l-ambulanza, l-appellant ma riedx jidhol fiha u kellu jiddahhal immanettjat.

Jidher pero' li anki fis-soggorn tieghu fl-isptar, li dam ghal xi xaharejn, l-appellant baqa' aggressiv u kienu rappurtati diversi diverbji mal-pulizija tal-iskorta w anki ingurji fil-konfront tal-Ispettur Mario Tonna. Saret ukoll inkjesta Magisterjali minnhabba l-allegazzjonijiet li l-appellant kien ghamel fil-konfront tal-Pulizija.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sentenza dettaljatissima w ben motivata taghha l-Ewwel Qorti ghaddiet in rassenja l-fatti saljenti tal-kaz u analizzat ix-xiehda fir-rigward ta' kull imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Hadet kont tar-relazzjonijiet tal-espert tal-Qorti, l-Professur Vella dwar l-origini tal-hruq fic-cella - relazzjoni li tiskredita l-versjoni tal-appellant - kif ukoll tar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, dwar il-hsarat kagjonati mill-appellant gol-ghassa tal-Belt.

Wara li ezaminat bir-reqqa l-versjoni tal-appellant dwar id-diversi incidenti sija fl-istqarrija tieghu kif ukoll fid-depozizzjonijiet guramentati tieghu, din il-Qorti ma tara li hemm xejn x' ticcensura fl-apprezzament tal-provi akkurat u ben motivat maghmul mill-Ewwel Qorti, li, fejn ma sabitx provi bizzejjed, illiberat lill-appellant mill-hmistax, is-sittax u l-ewwel parti tal-ghoxrin imputazzjoni in kwantu din tirriferi ghar-reat ipotizzat taht l-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghar-rigward tal-aggravji partikolari imressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, din il-Qorti taqbel mal-

Ewwel Qorti li bis-sewqan tieghu fid-direzzjoni tas-Surgent Vella fil-pjazza San Gorg, l-appellant seta' jinstab hati ta' tentattiv ta' ferita gravi, skond l-ewwel imputazzjoni. Kullhadd jaf li meta jolqot persuna b' vettura, dan facilment jista' jikkaguna trawmi gravi fuq dik il-persuna, jekk mhux addirittura trawmi fatali w konsidrat l-istat ifferocjat li rrizulta li kien jinsab fih l-appellant dak in-nhar, l-Ewwel Qorti setghet tikkonkludi *"safely and satisfacorily"* li l-intenzjoni tal-appellant kienet addirittura li jikkaguna feriti gravi fuq PS Vella. Din il-Qorti ma ghandix ghaliex ticcensura dan l-apprezzament ta' fatt.

Dwar l-imputazzjonijiet min-numru 2 sa 7, dawn jirrizultaw abbondantement mix-xhieda ta' Ispettur Abraham Zammit, u tas-Supratendenti (dak iz-zmien Spetturi) Sandro Gatt u Neville Aquilina kif ukoll tal-istess Surgent Vella w tal-kuntistabbli Joseph Debrincat.

Id-disa' imputazzjoni li ta n-nar gol-ghassa tal-Belt tirrizulta konfortata mir-relazzjoni assennata tal-espert tal-Qorti Professur Alfred Vella li timmina serjament l-allegazzjonijiet maghmula mill-appellant li n-nar inghata minn barra c-cella minn xi hadd iehor. Anki hawn l-Ewwel Qorti setghet allura tikkonkludi *"safely and satisfactorily"* li n-nar kien inghata mill-appellant, li dak il-hin kien l-unika persuna li kien hemm f' dic-cella.

L-imputazzjoni numru tminja ta' hsara gol-ghassa tal-Belt ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u l-imputazzjonijiet ghaxra u hdax jirrizultaw ampjament mid-depozizzjoni tas-Surgent Arnaud, PC Robert Saliba w PC Emmanuel Pisani.

Illi l-aggravju dwar l-akkuza tal-harba mill-post tal-kustodja kontemplata fl-imputazzjoni numru 12 huwa wkoll bla bazi ghax jirrizulta abbondantement li l-appellant harab mhux meta kien fic-cella izda wara li l-Pulizija harguh minn hemm u haduh fir-*reception area* tal-ghassa. Minn hemm ma kellu ebda raguni impellenti ghaliex jahrab ghax hemm ma kienx hemm nar.

L-istess japplika ghall-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' htija dwar it-tlettax, l-erbatax, it-tmintax, id-dsatax u t-tieni  parti tal-ghoxrin imputazzjoni, li huma sorretti minn provi skjaccanti.

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-apprezzament tal-Ewwel Qorti dwar l-allegazzjoni tal-appellant li hu kien gie imsawwat mill-Pulizija. Anki jekk fuq l-appellant, wara ir-raggar ripetut li rrizulta li hu kellu mal-Pulizija fid-diversi incidenti, nstabu xi tbengiliet u abrazjonijiet zghar li huma deskritti fir-ritratti akkompajanti r-relazzjoni tal-espert medku Dottor Mario Scerri, dawn kienu perfettament kompatibbli mall-istess raggar kagjunat mill-istess appellant waqt li kien qed jirrezisti l-arrest. Ma hemm ebda evidenza ta' xi swat brutali jew deliberat fuq l-appellant. Invece l-Ewwel Qorti gustament irriteniet li dawn it-tip ta' feriti kienu proprju kompatibbli mal-istess rezistenza li kien qed juza l-appellant innifsu meta beda jintefa mal-art u meta ripetutament tqabad mal-Pulizija. Konfrontati b' agir forsennat bhal ma jirrizulta li kien dak tal-appellant dak in-nhar, il-Pulizija kienet kostretta li tuza certa forza biex tikkontrolah fl-incidenti ripetuti li beda johloq hu stess. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll respint.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, u din id-darba ghal raguni prettament legali u mhux konnessa mal-apprezzament tal-provi, hu fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal-imputazzjoni numru sbatax li tirrigwarda l-akkuza li l-appellant ghamel uzu minn xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kien provvdut jew li naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunkazzjonijiet jew taghmir jew li ghamel uzu minnhu mhux sew.

Kjarament din l-imputazzjoini tirriferi ghall-incident imsemmi ukoll fl-imputazzjoni numru 18, fejn l-appellant gie akkuzat li indirizza xi kliem ingurjuz fil-konfront tal-Ispettur Mario Tonna meta dan tal-ahhar kien cempel lill-mart l-appellant Lorainne Cuschieri dwar xi effetti personali li kien ghadhom ghand il-Pulizija, w l-appellant li

dak il-hin kien hdejn martu, kien qabad it-telefon w, apparti li tkellem hazin u b' mod offensiv, allega li l-Ispettur ried jaqbadlu ma martu.

Illi hu ovvju l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor ingurji mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e), jew ta' ingurja kontemplata fl-artikolu 252 tal-Kap. 9, imma akkuza , bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004)**.**

Illi fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Dr. Etienne Calleja"** [22.8.2007] kien gie ritenut li:-

*"Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat taht dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

*"Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-*

*(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop*

*(b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u*
*(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu."*

*"Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali* ***specifici*** *ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)"*

*"Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal* ***eiusdem generis****, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra."*

*"U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda*

*ta' LM25 (Ewro 58.23c) jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000)."*

*"Hu car ghalhek li l-kliem* ***" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"*** *u "****jew tuzah b' mod mhux kif imiss"*** *f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa* (2); *ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4)."*

*"Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399."*

*"Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah “legal certainty.” Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub-inciz jkunu jistghu jigu "attached" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: "ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u/jew "b'mod mhux kif imiss" adoperat fl-art. 35(1) (d)".*

Ghalhekk l-appellant, fuq il-bazi tal-provi w fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-ligi fuq citata, ma kellux jinstab hati tas-

sbatax l-imputazzjoni w l-att minnu mwettaq hu dak ta' ingurja, kif del resto hu kontemplat fit-tmintax l-imputazzjoni li hu nstab hati taghha mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Ghar-rigward tal-aggravju dwar l-piena, apparti r-revoka tal-piena pekunjarja attinenti ghas-sbatax l-imputazzjoni li minnha issa ser jigi liberat, din il-Qorti, konsidrati l-gravita', l-persistenza w r-ripetizzjoni tar-reati da parti tal-appellant kif ukoll il-kondotta refrattarja tieghu, ma tarax li ghandu jkun hemm xi varjazzjoni fil-piena karcerarja erogata. Di fatti jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-appellant li din mhux l-ewwel darba li qed jinstab hati dwar reati konnesi mat-traffku w incidenti mal-forzi tal-ordni. Inoltre hu instab hati ta' serq, ricettazzjoni, pussess tad-droga eroina, apparti reati ohra. Gie ukoll sentenzjat ghall-piena karcerarja effettiva.

Hu minnu li dan il-kaz ha zmien twil biex gie deciz izda dan kien attribwibbli ghal diversi fatturi, uhud minnhom dovuti unikament ghall-istess appellant bhal ma huma nuqqas ripetut ta' attendenza tieghu jew tal-avukat difensur tieghu. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et"** [2.10.2002] :-

*"Il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard [24.7.2000] u r-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard [24.7.2000] )"*

*"Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" [29.1.2001] ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra."*

*"Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta*

*huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess…. u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Illi f' dan il-kaz, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, l-appellant baqa' jippersisti bil-hajja refrattarja tieghu anki fil-mori ta' dan il-process u addirittura nstab hati ta' kaz iehor ta' attakk u rezistenza kontra persuna nkarigata minn servizz pubbliku fid-29 ta' Lulju, 2002, li hebb ghall-bintu w ghal martu Lorainne fi Frar, 2006 kif ukoll ta' ricettazzjoni fil-21 t' Awwissu, 2003, kollha reati kommessi wara li tressaq il-Qorti f' dan il-kaz. Ghalhekk zgur li ma jidhirx li l-appellant zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet jew wera xi impenn biex jirriforma.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' limitatament l-appell tal-appellant billi tirriforma s-sentenza appellata billi, fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba', it-tmin, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbaghtax, it-tmintax, id-dsatax u t-tieni parti tal-ghoxrin imputazzjoni, kif ukoll fejn iddikjaratu recidiv ghall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, u in kwantu ma sabitux hati tal-hmistax, is-sittax u l-ewwel parti tal-ghoxrin imputazzjoni u fejn ikkunndannatu ghall-periodu ta' erba snin prigunerija kif ukoll fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali, ordnat l-interdizzjoni generali tal-appellant ghal periodu ta' ghaxar snin u fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' erba snin, kif ukoll fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, ordnat lill-appellant ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' E1698.65c, rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta, fi zmien sitt xhur li jibdew jiddekorru mill-lum; tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tas-sbatax l-imputazzjoni w fejn ikkundannatu ghall-multa ta' E300, ai termini tal-artikolu 35 tal-Kap.399 tal-

Ligijiet ta' Malta w minnflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din l-imputazzjoni w minnha tilliberah kif ukoll thassar il-piena pekunjarja relattiva fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------